



## KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.12.2006  
KUMM(2006) 905 finali

2006/0280 (COD)

-

Proposta għal

### **DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

#### **Li Temenda**

**d-Direttiva 2005/68/KE dwar riassigurazzjoni, rigward is-setgħat ta' implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni**

(preżentata mill-Kummissjoni)

**MT**

**MT**

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**Li Temenda**

**d-Direttiva 2005/68/KE dwar riassigurazzjoni, rigward is-setgħat ta' implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni**

**(Test b'relevanza għall-EEA)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2) u 55 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>3</sup>,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005 dwar ir-riassigurazzjoni u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 92/49/KEE kif ukoll id-Direttivi 98/78/KE u 2002/83/KE<sup>4</sup> tistipula li ċerti miżuri għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni<sup>5</sup>.
- (2) Id-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet emadata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, li introduċiet il-proċedura regolatorja bil-kontroll għall-miżuri ta' natura ġenerali li għandhom l-għan li jemendaw elementi mhux essenzjali ta' att bażiku adottat skond il-proċedura msemija f'Artikolu 251 tat-Trattat, inkluża t-tnejħiha ta' xi wħud minn dawn l-elementi jew bl-ikkompletar tiegħu biż-żieda ta' elementi ġoddha mhux essenzjali.
- (3) Skond id-dokument konġunt tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni<sup>6</sup> dwar Deċiżjoni 2006/512/KE, l-atti li digħi jinsabu fis-seħħi għandhom jiġu aġġustati skond il-proċeduri applikabbli. Dik l-istqarrija tindika lista ta' atti li għandom jiġu aġġustati b-

<sup>1</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>2</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>3</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>4</sup> ĠU L 323, 9.12.2005, p. 1.

<sup>5</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emadata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p.11).

<sup>6</sup> ĠU C 255, tal-21.10.2006, p. 1.

ħala materja ta' urġenza, inkluża d-Direttiva 2005/1/KE. Biex tīgħi allineata din id-Direttiva, Direttiva 2005/68/KE għandha tīgħi emendata.

- (4) B'mod partikolari għandu jingħata poter lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni tad-Direttiva 2005/68/KE biex tqis l-iżviluppi tekniċi tas-settur ta' l-assigurazzjoni jew fis-swieq finanzjarji u biex tassigura l-applikazzjoni uniformi ta' dik id-Direttiva. B'mod aktar partikolari, dawk il-miżuri huma maħsuba biex jestendu l-lista ta' formoli legali, jiċċaraw jew jaġġustaw il-punti li jikkostitwixxu l-marġini ta' likwidità, iżidu l-premiums jew ammonti ta' talbiet użati għall-kalkolu tal-marġini ta' likwidità għal ċerti attivitajiet ta' riassigurazzjoni jew tipi ta' kuntratti, jibdlu l-fond minimu ta' garanzija u jiċċaraw id-definizzjonijiet. Billi dawk il-miżuri huma ta' firxa ġenerali u mfassla biex jemendaw l-elementi li mhumiex essenzjali tad-Direttiva 2005/68/KE, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju previst fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (5) Id-Direttiva 2005/68/KE għandha għalhekk tīgħi emendata skond dan.
- (6) Minħabba li l-emendi li jridu jsiru lid-Direttiva 2005/68/KE b'din id-Direttiva huma aġ-ġustamenti ta' natura teknika li jikkonċernaw biss il-proċedura tal-kumitat m'hemm għalfejn jiġi trasposti mill-Istati Membri. M'huwiex għalhekk neċessarju li jiġi stipulati dispożizzjonijiet għal dak l-iskop,

#### ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

##### *Artikolu 1*

Id-Direttiva 2005/68/KE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 55 huwa emendat kif ġej:
- (a) Il-Paragrafu 2 jiġi sostitwit minn dan li ġej:  
"2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġi kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha."
- (b) Il-Paragrafu 3 huwa mħassar.
- (2) Fl-Artikolu 56, il-frażi ta' introduzzjoni tiġi mibdula b'dan li ġej:  
'Il-miżuri ta' implementazzjoni li ġejjin imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġi adottati skond il-proċedura regolatorja ma' l-iskrutinju imsemmi fl-Artikolu 55(2).'

##### *Artikolu 2*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fí [...] jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*